KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

5 t'April 2013

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tal-Sittax-il Laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah is-**Sittax (16)-il** Laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar it-Tnejn 18 ta' Marzu 2013 fil-5.30pm.**

Is-Sittax (16)-il laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana inzammet b'din l-agenda :-

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti imqajjma mill-minuti
3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati
6. Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill
7. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
9. Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju tar-Raba (4) kwart tas sena 2012
10. Evalwazzjoni tal-Offerti

| | |
|---|---|
| FLC/EOI/01/13 | Sale of flagpole |
| FLC/EOI/02/13 | Management of Facilities |
| FLC/EOI/03/13 | Esklussivita St Patrick's Day Merchandise |
| FLC/EOI/03/13 | Esklussivita St Patrick's Day Ikel u Xorb |
| FLC/T/01/13 | Esklussivita ta Ikel u Xorb FNTNAM |
| FLC/T/02/13 | Services of A qualified accountant |
| FLC/T/03/13 | GARDMED Supply and Installation of PV panels |
| | GARDMED Rebuilding of Collapsing wall in Sir Luigi preziosi |
| FLC/T/04/13 | Garden |
| FLC/Q/04/13 | Hiring of Crash Barriers |
| FLC/Q/05/13 | Provision of Sound and Light |

11. Zjara F'Macerata
12. Rapport Dwar Gemellaggi
13. Attivitajiet li jehtiegu permess mill-Kunsill Lokali (SL.441.04)
14. Gnien il-Mall
15. Asfaltar u Bankini f'Balzunetta
16. Gardmed
17. Jum il-Floriana
18. Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat
19. St Patrick's Day f'Balzunetta
20. Housing fil-Floriana

21. Aggornament tal-Laqgha

Ghas-Sittax (16)-il laqgha tas-Sitt Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Vici Sindku Matthew Paris, il-Kunsillier Vincent Borg u l-Kunsilliera Davina Sammut Hili flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv assistit mill-iskrivana E. Theuma.**

**Il-Kunsillier Anthony Brincat talab li jkun zkuzat ghal-laqgha.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tal-hmistax (15)-il laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2. Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 12.4 li ghandha taqra "Il-Kunsillier Vincent Borg gibed l-attenzjoni..."

**Nota: 17:37 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili attendiet ghal-laqgha.**

1.3. Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 12.8 li ghandha taqra "l-inspection box li hemm fi Triq l-Argotti quddiem is-Sur Gorg Sciberras"

1.4. Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 16.5 li ghandha taqra "u l-ammont li ghandu jaghti lill-Kunsill ghall-kiri tal-gabbana fil-KGV jitnaqqsu mill-flus dovuti lilu mill-Kunsill fir-rigward tal-kuntratti li ghandu."

1.5. Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Vici Sindku Matthew Paris u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mill-Vici-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

1.6. Il-minuti tal-Laqgha Annwali tal-Lokalita' gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.7. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ressqet il-korrezzjoni ta' l-interventi li saru mis-Sinjura Rosette Hili.

1.8. Il-minuti msemmija f'1.7 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mill-Vici-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Punti imqajjma mill-minuti

2.1 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.10 (15) u saqsa jekk wiehed mill-arbli kienx tnehha b'intenzjoni minhabba li issa kien fadal biss wiehed. Is-Sindku qal li wiehed irid jivverifika.

2.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.11 (15) u saqsa jekk kinietx giet iffissata laqgha mas-Sur Chris Paris. Is-Sindku qal li l-laqgha kienet ghadha ma saritx izda kellha ssir mill-aktar fis.

2.3 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.16 (15) u saqsa jekk kienx hemm xi progress. Is-Sindku Nigel Holland qal li kien ghad m'hemmx risposta u li ghandu jkellem lill-Inginier ghall-opinjoni tieghu.

2.4 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.18 (15) u saqsa jekk il-Kunsill kienx ikkonferma jekk din l-attivita' hux ser tahbat ma' Hadd il-Palm. Is-Sindku wiegeb li din ma kelliex tahbat mal-attivita' msemmija.

2.5 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 7.7 (15) u saqsa jekk kienx hemm risposta dwar il-laptop. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-laptop kien ittiehed ghat-tiswija fejn gie nformat li kienet marritlu l-hard disk kif ukoll il-batterija. Is-Segretarju Ezekuttiv zied jghid li kien qed jistenna l-kwotazzjonijiet finali u li appena jkollu, kien ser jipprezenta dawn quddiem il-Kunsill sabiex tittiehed decizjoni dwar jekk hux vijabbli li dan jissewwa.

2.6 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 12.2 (15) u saqsa jekk kienx hemm xi progress. Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li kienu saru talbiet kemm minnu kif ukoll mis-Segretarju Ezekuttiv izda s'issa kien ghadu ma gie hadd jivverifika. Il-Kunsill qabel li ghandu jerga' jikkuntattja lill-Perit tal-Housing sabiex jigi jivverifika x-xoghol malajr kemm jista' jkun.

2.7 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 12.4.5 (15) u saqsa jekk l-irhama kinietx giet ordnata. Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li kien talab kwotazzjonijiet u kien hemm bzonn l-approvazzjoni tal-Kunsill biex jipprocedi. Il-Kunsill qabel li ghandu jassorbi din l-ispiza hu u ghalhekk qabel li din l-irhama ghandha tigi ordnata minnufih.

2.8 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 12.5 (15) u saqsa ghalfejn jidher li x-xoghol kien waqaf. Il-Vici Sindku wiegeb li l-kuntrattur kien waqaf ghal xi erbat ijiem pero kellu jkompli x-xoghol dakinhar stess. Il-Kunsillier Borg qal li meta tkellem mal-kuntrattur dan kien qallu li kien waqaf ghax mhux ser jithallas. Il-Vici Sindku wiegeb li l-Kunsill kien ghamilha cara mal-kuntrattur li ma kienx hemm fondi ghalissa u ghalhekk kien hemm bzonn il-fondi tal-Awtorita' tad-Djar biex dan jithallas. Il-Vici Sindku zied jghid ukoll li meta tkellem mieghu kien ikkonfermalu li kien ser ikompli x-xoghol dakinhar. Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa jekk kienx ser jinqala' l-main. Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li l-ewwel kienet ser titlesta' l-bankina.

2.9 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 20.4 (15) u saqsa jekk kienx hemm xi progress. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li ricentement kienu regghu saru xi komunikazzjonijiet mas-Sur Attard li ma kienu taw l-ebda frott. Ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu jaghti 48 siegha cans lis-Sur Justin Attard sabiex jirrimedja.

2.10 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 20.7 (15) u saqsa jekk kienux saru l-laqghat imsemmija. Is-Sindku wiegeb li l-amministrazzjoni kellha taghmillu xi appuntamenti ma' dawk ikkoncernati izda s'issa kienu ghadhom ma nzammu l-ebda laqghat.

2.11 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li xtaq jirringrazzja lill-istaff kollu minhabba li ricentement kellhom hafna xoghol u kienu anke taht stress kbir u qal li xtaq juri l-apprezzament tieghu ghal din il-hidma. Is-Sindku Nigel Holland qal li hu kien irringrazzja lill-istaff b'mod pubbliku l-gimgha li ghaddiet.

2.12 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 15.7 (15) u saqsa ghalfejn kienu ghadhom ma ttiehdux il-kostumi tal-Karnival li thallew fuq. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li hu kien tkellem mal-persuna kkoncernata sabiex jigi jizbarazza u jiehu dak li kien ghad fadal u qal ukoll li kien talbu jhalli lill-Kunsill xi ftit minn dawn il-kostumi sabiex ikunu jistghu jitwahhlu mal-hajt tad-Dar tal-Kunsill fi zmien il-Karnival.

2.13 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 18.6 (15) u saqsa jekk kienx gie ffirmat il-kuntratt mal-kumpanija GreenMT. Is-Sindku wiegeb li dan il-kuntratt kien gie ffirmat wara li kienu gew ikkjarifikati xi dettalji u ntlahaq ftehim hekk kif kien gie deciz fil-laqgha tal-Kunsill precedenti.

2.14 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 23.1 (15) u saqsa jekk kinietx bdiet issir il-lista tal-postijiet vakanti fil-Floriana. Il-Vici Sindku Matthew Paris wiegeb li l-lista kienet ghadha ma bdietx issir pero ghandha ssir malajr kemm jista' jkun.

## 3.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

3.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li xtaq jipproponi lis-Sur Julian Holland ghas-sotto kumitat tal-Ambjent u Indafa. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

3.2 Is-Sindku Nigel Holland qal li xtaq jipproponi lis-Sur Julian Holland ghall-Kumitat Organizzattiv tal-Attivita' ta' St. Patrick's Day. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

3.3 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Sur Charles Azzopardi fejn talab permess sabiex tinbidel id-direzzjoni tat-traffiku intern, fid-dahla u l-hrug tal-lukanda Phoenicia. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

3.4 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Radju Vilhena fejn ippropona li l-laqghat tal-Kunsill jibdew jigu streamjati live fuq ir-radju. Il-Kunsill qabel li l-Vici Sindku Matthew Paris ghandu jiffissa laqgha ma' Radju Vilhena kif ukoll ma' entitajiet ohra kkoncernati sabiex jikkjarifika xi dettalji.

3.5 Is-Sindku Nigel Holland informa li l-applikazzjoni tal-Kunsill ghal tisbih fi Vjal ir-Re Dwardu VII ma kinietx giet milqugha.

3.6 Is-Sindku Nigel Holland informa li l-Kunsill kien gie moghti €5000 fondi ghall-organizzazzjoni tal-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat, nofs l-ammont li kien gie moghti s-sena ta' qabel.

3.7 Is-Sindku Nigel Holland informa li l-Kunsill kien gie moghti €1000 ghall-inizjattiva tal-book box.

3.7.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet x'jigri jekk jinsterqu l-kotba. Il-Vici Sindku Matthew Paris wiegeb li l-kumpanija kienet responsabbli ghal dan.

3.7.2 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li biex tinbena kaxxa gdida tigi tammonta ghal madwar €1300.

3.7.3 Il-Kunsill qabel li ghandu jitkellem mal-kumpanija GO dwar il-possibilta' li tinxtara kaxxa minghandhom.

3.7.4 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili pproponiet li din titwahhal fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V minhabba li din iz-zona hija diga mghassa b'kameras tas-sigurta'. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

3.8 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand kumpanija tal-farmacewtika fejn talbu permess biex ikollhom zewg promoters taghhom iduru mal-monti. Il-Kunsill ma jsibx oggezzjoni izda qabel li ghandu jkellmu bil-proposta li jkun sponsor fil- Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat.

3.9 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand ir-Regjun Xlokk rigward l-esitu tat-talba tal-Green wardens, fejn gie irrimarkat li ghadna qed nistennew minghandhom.

3.10 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Radju Vilhena fejn informaw lill-Kunsill li kien qed jesebixxi statwi life size ghal zmien il-Gimgha l-Kbira u pproponew lill-Kunsill sabiex jibghat bukkett fjuri bil-kuluri tradizzjonali ta' dan iz-zmien.

3.10.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li jsir bukkett fjuri artificjali sabiex jintuza ghal dawn id-diversi attivitajiet li jkollna minn zmien ghal zmien pero l-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta anke minhabba li bukkett tal-fjuri ma jigix jiswa hafna flus.

3.10.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jilqqa' l-proposta u jaghti bukkett fjuri ghal dan iz-zmien bil-kundizzjoni li dan ma jaqbizx il-€50.

3.11 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand TCTC fejn ipproponew li l-Kunsill jorganizza korsijiet tal-kompjuter ghat-tfal.

3.11.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu ma jhossx li l-Kunsill jinsab f'pozizzjoni finanzjarja li jorganizza dawn il-korsijiet din is-sena.

3.11.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li l-kunsilli kollha jorganizzaw dawn il-korsijiet u ghalhekk ma tarax ghalfejn ghandu jirrifjuta l-Kunsill tal-Floriana. Qalet ukoll li dawn il-korsijiet huma ta' beneficcju ghall-komunita' Furjaniza.

3.11.3 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu favur din il-proposta edukattiva.

3.11.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa kif tkun il-konkorrenza. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li ghal dawn il-korsijiet jattendu numru mhux hazin ta' tfal.

3.11.5 Il-Kunsill qabel li ghandu jiccara xi dettalji mat-TCTC bhal x'sistema ta' windows ser ikun hemm bzonn li tigi installata qabel ma jiehu decizjoni finali.

3.12 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Vici Sindku Matthew Paris fejn xtaq li jigi rregistrat li hu ma kienx irrizenja mill-VFRP bix-xewqa tieghu izda ghax kien gie mitlub jirrizenja. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili gibdet l-attenzjoni li r-rizenja tieghu kienet giet mitluba minhabba li din hija prassi meta jkun hemm elezzjoni ta' Gvern gdid.

3.13 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Kunsilliera Davina Sammut Hili.

3.13.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili bdiet billi ghamlet riferenza ghall-materja nru 15.6 (15) fejn il-Kunsill ha d-decizjoni li jridu jigu avvicinati l-kunsillieri kollha f'decizjonijit importanti.

3.13.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li wara li kienet tkellmet mal-Kunsillier Vincent Borg, dan kien informaha li s-Sindku Nigel Holland kien qed jipprova jaghmel kuntatt maghha fuq il-mobile sabiex ikellimha rigward decizjoni importanti relatata mal-gabbani tal-meeting.

3.13.3 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu veru kien tkellem mal-Kunsillier Vincent Borg pero jidher li kien inftiehem hazin minhabba li hu ried jghid li kien ghadu ma kkuntattjax lill-Kunsilliera Sammut Hili.

3.13.4 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili regghet gibdet l-attenzjoni ghall-materja msemmija hawn fuq fejn ghat-tieni darba kienet regghet ma gietx avvicinata rigward decizjoni importanti. Qalet ukoll li din kienet it-tieni darba li s-Sindku Nigel Holland kien ipproceda fuq materja minghajr ma kkonsulta mal-kunsillieri kollha.

3.13.5 Is-Sindku Nigel Holland qal li kin gab l-approvazzjoni tal-maggoranza tal-kunsillieri fir-rigward tal-kwistjoni tal gabbani u rigward il-materja tal-laqgha precedenti, kien sar zball u li hu ma kienx infallibli u kien diga skuza ruhu ghal dan l-izball.

3.13.6 Is-Sindku Nigel Holland qal ukoll li fi kwistjonijiet jaharqu, il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ma kinietx tersaq lejn il-Kunsill.

3.13.7 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li dan ma kienx minnu minhabba li hi kienet anke kellmet lil Ray Azzopardi meta qamet il-kwistjoni tal-gabbani.

3.13.8 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet ukoll li hi ma thossx li s-Sindku ghandu jinqeda biha biex iwassal messag lill-kunsillieri l-ohrajn u jekk kien hemm xi haga li xtaq jghid, ghandu jghidha hu direttament lil min tikkoncerna.

3.13.9 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li x-xoghol taghha ma jippermettiex li hi tkun tista' tmur il-Kunsill matul il-gurnata pero hi xorta tipprova taghmel id-dover taghha b'metodi ohra. Qalet ukoll li s-Sindku m'ghandux jindahlilha f'hajjitha u f'ixhin tigi l-Kunsill u ma thossx li ghandha toqghod tinforma lilu kull darba li tmur jew ma tmurx il-Kunsill.

3.13.10 Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li hu ma jinteressahx x'taghmel f'hajjitha bhalma hadd ma jindahal f'tieghuizda jindahal kemm wiwhed jattendi il-kunsill. Zid li meta hi kienet okkupat il-kariga temporanja ta' Sindku kuljum kienet tigi l-kunsill.

3.13.11 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li jigi rregistrat fil-minuti dan li qed jinghad u qalet li hi kienet ser tressaq rapport lill-entita' kkoncernata dwar id-decizjonijiet li qed jigu mittiehda minghajr l-approvazzjoni tal-maggoranza tal-kunsillieri.

3.13.12 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li s-Sindku ghandu jcempel fuq kwistjonijiet jaharqu bhalma cempel fuq konferenza stampa li hi ma qablitx maghha, izda xorta wahda ipproceda. Is-Sindku Nigel Holland qal li issa l-Kunsilliera Sammut Hili kienet qed taghmel allegazzjonijiet serja fuq impjegat tal-kunsill, minhabba li hu kien gie nformat minn wiehed mill-iskrivani li l-kunsillieri ma kellhomx oggezzjoni. Ghalhekk huwa qal li hu kien ser jitlob lill-iskrivan ikkoncernat sabiex jaghmel dikjarazzjoni bil-miktub dwar x'kien gara u x'intqal dakinhar fir-rigward ta' din il-materja.

## 4.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

4.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet dwar jekk kienx hemm xi progress rigward il-wi-fi spots. Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li ghandu jitkellem mal-MCA hu.

4.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet dwar jekk kienx hemm xi progress rigward il-websajt tal-Kunsill. Il-Vici Sindku Matthew Paris wiegeb li l-websajt kienet qed tigi konkluza u kien ghad fadal biss xi affarijiet zghar x'isiru. Qal ukoll li hu xtaq jipproponi li l-websajt tigi launched f'Jum il-Floriana fejn ikun jista' jitwahhal projector ghan-navigar tal-websajt u din issir parti mill-attivita'.

## 5.0 Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati

5.1 Ma kien hemm l-ebda rapporti u minuti tal-kumitati / sottokumitati.

## 6.0 Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill

**Nota: 18:35 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

6.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li dakinhar kien gie ccirkolat il-pjan ta' hidma izda ppropona li l-approvazzjoni tieghu titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss u dan sabiex il-kunsillieri jinghataw iktar cans jarawh qabel japprovawh. Il-Kunsill qabel.

## 7.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza **77-05**, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

**Nota: 18:40 Is-Sindku Nigel Holland rega' rritorna ghal-laqgha.**

7.2 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa dwar il-litter bins li hemm imnizzlin fl-iskeda. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li dawn huma il-bins ordnati ghal gnien KGV taht il-fondi ta Gardmed.

7.3 Wara mozzjoni mressqa mill-Vici Sindku Matthew Paris u ssekondat mill-Kunsillier Vincent Borg , ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 11249 sa 11261 u 120 sa 124, bir-rizultat:

Favur: 4 (MP, VB, NH, DSH)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

7.4 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mill-Sindku Nigel Holland, minn zewg kunsillieri u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 8.0 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

8.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjonijiet / rakkomandazzjonijiet.

## 9.0 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju tar-Raba (4) kwart tas sena 2012

9.1 Wara li s-Segretarju Ezekuttiv gie mitlub jipprezenta r-rapport finanzjarju tar-Raba kwart tas-sena 2012, is-Segretarju Ezekuttiv talab l-approvazzjoni tal-Kunsill f'dan ir-rigward.

9.2 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Vici Sindku Matthew Paris, ittiehet vot favur l-approvazzjoni tar-rapport finanzjarju tar-Raba kwart tas-sena 2012, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (VB, MP, NH, DSH)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

## 10.0 Evalwazzjoni tal-Offerti

### 10.1 FLC/EOI/01/13 - Sale of flagpole

10.1.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg sabiex tintaghzel l-offerta' tas-Sur Carmel Duca fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti, peress li kienet l-unika offerta', bir-rizultat kien:

Favur: 4 (MP, VB, DSH, NH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

**10.2 FLC/EOI/02/13 - Management of Facilities**

10.2.1 Il-Kunsill kien informat li ma kien hemm ebda sottomissjoni izda qabel li din is-sejha ghall-offerti ghandha terga' tohrog.

**10.3 FLC/EOI/03/13 - Esklussivita St Patrick's Day Merchandise**

10.3.1 Il-Kunsill kien informat li ma kien hemm l-ebda sottomissjoni.

**10.4 FLC/EOI/03/13 - Esklussivita St Patrick's Day Ikel u Xorb**

10.4.1 Il-Kunsill kien informat li ma kien hemm l-ebda sottomissjoni.

**10.5 FLC/T/01/13 - Esklussivita ta Ikel u Xorb FNTNAM**

10.5.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg sabiex tintaghzel l-offerta' ta' Barcode Ltd fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti, peress li kienet l-iktar offerta' vantaggjuza, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (MP, VB, DSH, NH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

**10.6 FLC/T/02/13 - Services of A qualified accountant**

10.6.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ressqet mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg sabiex tintaghzel l-offerta' tas-Sur Paul Bugeja fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti, peress li kienet l-iktar offerta' vantaggjuza, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (DSH, VB, MP, NH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

**10.7 FLC/T/03/13 - GARDMED Supply and Installation of PV panels**

10.7.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili sabiex tintaghzel l-offerta' ta' Solar Engineering Ltd. fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti u tal-Inginier Vincent Rapa, peress li kienet l-iktar offerta' vantaggjuza, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (MP, VB, DSH, NH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

**10.8 FLC/T/04/13 - GARDMED Rebuilding of Collapsing wall in Sir Luigi Preziosi Garden**

10.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg sabiex tintaghzel l-offerta' tas-Sur Joseph Desira fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti u bil-provizjoni li s-sottomissjoni ghandha kollox skont ir-regoli u l-ispecifikazzjonijiet miluba, peress li kienet l-iktar offerta' vantaggjuza, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (MP, VB, DSH, NH)
Kontra: 0

**<u>10.9 FLC/Q/04/13 - Hiring of Crash Barriers</u>**

10.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg sabiex tintbaght letter of intent fejn jigi stipulat li l-Kunsill ser jiehu sa massimu ta' 350 barriers pero l-Kunsill jirriserva d-dritt li jiehu inqas bil-prezz pro rata, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (MP, VB, DSH, NH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

10.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li kien wasal iz-zmien li l-Kunsill jibda jixtri l-crash barriers minflok jikrihom u dan minhabba li dawn kienu saru ghaljin hafna biex tikrihom. Qal ukoll li b'dan il-mod il-Kunsill ikun jista' jikrihom hu u jaghmel profitt minnhom. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li minkejja li jaqbel mal-proposta, il-problema hija n-nuqqas ta' spazju fejn terfa' dawn il-barriers.

**<u>Nota: 18:55 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li jkun skuzat.</u>**

**<u>10.10 FLC/Q/05/13 - Provision of Sound and Light</u>**

**<u>Nota: 18:59 Il-Vici Sindku Matthew Paris rega' rritorna ghal-laqgha.</u>**

10.10.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ressqet mozzjoni ssekondata mill-Vici Sindku Matthew Paris sabiex tintaghzel l-offerta' ta' Amac Ltd, fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti peress li kienet l-iktar offerta' vantaggjuza, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (DSH, MP, VB, NH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

Il-Kunsill qabel li jzid il-materja t'hawn taht fuq l-agenda:

**<u>10.11 FLC/Q/05/13 – Rebuilding of toilets</u>**

10.11.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq mozzjoni ssekondata mill-Vici Sindku Matthew Paris sabiex tintaghzel l-offerta' ta` KDF Ltd fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti peress li kienet l-iktar offerta' vantaggjuza, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (NH, MP, VB, DSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

10.11.2 Il-Kunsill qabel li din is-sottomissjoni tigi approvata bil-kundizzjoni li tigi approvata mill-Perit tal-Kunsill, li x-xoghol jigi kkonfermat u li tinghata garanzija minn KDF Ltd li x-xoghol ser jitlesta fiz-zmien stipulat.

## 11.0 Zjara F'Macerata

11.1 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-okkazzjoni li ser issir f'Mejju fejn informa li il-Comune di Macerata kienu stiednu lill-Kunsill sabiex jaghmel stall li minn fuqha jinbieghu prodotti tal-pajjiz tal-belt gemellata.

11.2 Is-Sindku Nigel Holland qal li minn Macerata kienu ser jaghmlu hosting ghal zewg persuni li xtaqu jitilghu u jiehdu sehem.

11.3 Is-Sindku Nigel Holland ghalhekk ippropona li l-Kunsill isib xi kumpanija li tkun interessata tiehu sehem f'din l-attivita'.

11.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li l-Kunsill javvicina l-hwienet tal-Floriana forsi jkunu interessati. Is-Sindku Nigel Holland qal li ma kienx ghad fadal zmien minhabba li suppost kellha tinghata risposta ghaxart ijiem qabel.

11.5 Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li l-Kunsill javvicina lill-Farah minhabba li hi Furjaniza.

11.6 Il-Kunsill izda qabel b'maggoranza li ghandu javvicina xi kumpanija nazzjonali sabiex tiehu sehem f'din l-attivita'.

11.7 Is-Sindku Nigel Holland informa li hu kien gie mistieden sabiex imur jumejn Macerata u ssuggerixxa li l-Kunsill jiddeciedi jekk jixtieqx jibghat lil xi hadd iehor mieghu.

11.8 Is-Sindku qal li skont indikazzjonijiet minn zjarat passati, kull ma jkun hemm bzonn li jhallas il-Kunsill ikunu t-titjiriet.

11.9 Il-Kunsill ma qabilx li ghandu jibghat lil xi hadd iehor minnhabba s-sitwazzjoni finanzjarja tieghu.

## 12.0 Rapport Dwar Gemellaggi

12.1 Wara li s-Segretarju Ezekuttiv gie mitlub jipprezenta r-rapport dwar il-gemellaggi, is-Segretarju Ezekuttiv talab l-approvazzjoni tal-Kunsill f'dan ir-rigward.

12.2 Il-Kunsill approva b'mod unanimu ir-rapport dwar il-gemellaggi.

## 13.0 Attivitajiet li jehtiegu permess mill-Kunsill Lokali (SL.441.04)

13.1 Is-Sindlu Nigel Holland qal li wara l-mandat t'inibizzjoni li nfetah kontra l-Kunsill il-gimgha li ghaddiet minn xi bejjiegha bil-gabbani, kien gie diskuss dwar jekk il-bejjiegha residenti fil-Floriana ghandhomx ikunu ppreferuti.

13.2 Is-Sindku Nigel Holland qal li skont l-intepretazzjoni li nghatat tal-ligi, jidher li dan kien jista' jsir u ghalhekk ippropona li l-Kunsill jibda' jaghmel preferenza ma' dawk li jkunu residenti fil-lokalita'.

13.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa x'jigri jekk ikun hemm bejjiegha residenti fil-Floriana iktar minn posti vojta. Is-Sindku wiegeb li f'dak il-kaz tittella' polza bejn il-bejjiegha residenti fil-lokalita'.

13.4 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili pproponiet li l-Kunsill jitlob kjarifika tal-ligi lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali u dan biex il-Kunsill jaccerta ruhu li qed jimxi kif suppost. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kien diga talab kjarifika mid-DLG li kienu ssuggerew li jitkellem mal-Avukat tal-Kunsill.

13.5 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li jinsab informat li din il-procedura diga ssir f'kunsilli ohra u f'lokalitajiet ohra u ghalhekk ma jarax ghalfejn il-Kunsill Lokali tal-Floriana m'ghandux jimxi bl-istess mod.

13.6 Il-Kunsill qabel li la m'hemm xejn fil-ligi li tipprojbixxi lill-Kunsill milli jimxi b'dan il-mod, ghandu jibda' jadatta din il-procedura.

13.7 Is-Sindku ghamel riferenza ghal dak li kien gara ricentement fejn il-Kunsill kien laqa' l-applikazzjonijiet ghall-permessi tal-gabbani matul il-mass meeting tal-Partit Laburista fejn applikaw 'il fuq minn 350 persuna. Huwa saqsa jekk il-Kunsill ghandux jinsisti mal-ministeru kompetenti li tigi ntrodotta procedura fejn jigu mitluba certu dokumenti bhal m'huma l-licenzja tat-trade licensing jew il-permess mill-MTA.

13.8 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili pproponiet li l-Kunsill ma jaccettax Karti t'Identita' li huma "For Malta Use only" izda l-Kunsill ma qabilx li ghandu jillimita b'dan il-mod.

13.9 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li ma kienx gust fuq ir-residenti li jkun hemm hafna nies jistennew wara l-bieb tad-Dar tal-Kunsill dan anke minhabba l-istorbju li kienu qed jaghmlu u anke peress li bdew ihammgu mal-faccati tar-residenzi privati.

13.10 Il-Kunsill qabel li ghandu jinsisti li l-permessi jinhargu bil-kundizzjoni li l-applikant pprezentata xi forma ta' permess mahrug minn awtorita' kompetenti.

## <u>14.0 Gnien il-Mall</u>

14.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah billi ppropona li ssir laqgha mal-Ministru l-gdid fejn jigu proposti xi punti fosthom li Gnien il-Mall jaqa' taht il-Kunsill Lokali u dan minhabba xi nuqqasijiet li qed ikun hemm.

14.2 Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier Vince Borg ghandu jiffissa laqgha mal-Ministru kkoncernat.

## <u>15.0 Asfaltar u Bankini f'Balzunetta</u>

15.1 Is-Sindku Nigel Holland gibed l-attenzjoni ghal certu nuqqasijiet li ghad hemm f'dan ir-rigward.

15.2 Is-Sindku Nigel Holland qal ukoll li hemm problema dwar dak il-blat li hemm hiereg minn taht il-hajt tal-Kurja u konsegwenza ta' dan, ma joqghodx il-konkos. Ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu jitlob lill-Perit sabiex jivestiga u jaghti l-parir tieghu.

## 16.0 GARDMED

16.1 Is-Sindku Nigel Holland saqsa kemm kien ghad fadal fondi x'jonfoq il-Kunsill u ghalhekk ippropona li jsir ezercizzju sabiex jigi ddeterminat x'fadal.

16.2 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li ghandu jiltaqa' mal-Perit fil-jumejn li gejjin u ghalhekk ippropona li wara jiltaqa' mas-Segretarju Ezekuttiv sabiex ikunu jistghu jidduskutu xi proposti.

16.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili pproponiet li jigi rrangat il-bandli.

16.4 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-Kunsill johrog direct orders minhabba l-urgenza tas-sitwazzjoni.

16.5 Il-Vici Sindku Matthew Paris issuggerixxa li jsir track fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V imma s-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li ma kienx ghad fadal bizzejjed zmien biex jinhargu l-offerti.

16.6 Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li jsiru zewg bankijiet fil-gnien specjalment jekk il-Kunsill ser jaghmel il-book box.

16.7 Il-Kunsill qabel li ghandu jigi diskuss programm t'affarijiet suggerieti biex ikun jista' jigi deciz f'hiex ser jintefqu l-flus li ghad fadal.

## 17.0 Jum il-Floriana

17.1 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-Kunsillier Vincent Borg jitla' ghall-konferenza ta' GARDMED li ser issir fil-5 u s-6t'April 2013 peress li hu kien responsabbli mill-gonna, filwaqt li is-sindku ser ikun impenjat fl-attivitajiet ta Jum il-Floriana.

17.2 Is-Segretarju Ezekuttiv zied jghid ukoll li ser ikun hemm konferenza ohra li ser tinzamm Malta iktar tard matul is-sena.

17.3 Is-Sindku Nigel Holland qal ukoll li kien ipprepara n-nominazzjonijiet ghad-diversi premji li jinghataw f'din l-okkazjoni u kienu waslu biex jibdew jintbaghtu.

17.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li kien qed jipprova jikkuntattja lis-Sur Ray Debono Roberts rigward esebizzjoni li jaf li ssir dakinhar.

17.5 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-Kunsill jikkuntattja lis-Sur Luca Cauchi minhabba li z-zmien kien qed itir.

## 18.0 Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat

18.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa jekk il-Kunsill kienx ghazel compere ghal dakinhar. Is-Sindku wiegeb li s'issa kien ghadu ma ntaghzilx compere.

18.2 Is-Sindku Nigel Holland ipprezenta xi kwotazzjonijiet li kienu gew mitluba ghall-istampar tal-posters tal-attivita'. Il-Kunsill qabel li ghandu jkellem lil Bonnici Press forsi jirrangalu prezz ahjar.

18.3 Is-Sindku Nigel Holland ipprezenta wkoll xi kwotazzjonijiet ghat-trofej ghal dakinhar. Il-Kunsill hass li dawn kienu wisq ghaljin u ghalhekk qabel li ghandu jikkuntattja lil Horace Enterprises Ltd. sabiex issir plakka fuq l-injam minflok.

18.4 Is-Sindku Nigel Holland informa wkoll b'xi spejjez ohrajn relatati bhalma huma s-servizz t'ambulanza u nurses u l-kiri ta' mobile toilets. Il-Kunsill approva dawn in-nefqiet relatati.

## 19.0 St Patrick's Day f'Balzunetta

19.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li xtaq jirringrazzja lis-Sur Kenny Roberts u lis-Sur Stephen Azzopardi tal-interess u l-hidma taghhom.

19.2 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa jekk l-attivita' kinietx ta' success. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li ma kienx hemm numru kbir ta' nies imma l-elezzjoni kienet ghamlet l-impat taghha fuq in-nies.

19.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili gibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li forsi l-Kunsill naqas bi zvista meta rreklama bar u mhux iehor. Is-Sindku Nigel Holland qal li kien gara hekk minhabba li l-Kunsill ried jiffranka l-flus u ghalhekk kien organizza din l-attivita' b'kollaborazzjoni ma' dan il-bar partikolari.

19.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li f'lokalitajiet ohra bhal m'huma Tas-Sliema u San Giljan, kien hemm ammont kbir ta' nies u ghalhekk dan naqqas mill-attendenza fil-lokalita'.

## 20.0 Housing fil-Floriana

20.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li kien iltaqa' ma' perit li tghix fil-Floriana fejn kien informat li fl-Ingilterra kien sar studju kbir fuq lokalita' fejn ittiehed stock ta' proprjetajiet li hemm u jigi studjat fejn wiehed jista' jimrah, izid, ecc.

20.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li l-Kunsill kien hemm bzonn li jaghmel studju ta' dan it-tip minhabba li dan jista' jtik indikazzjoni cara ta' dak li jista' jsir. Huwa qal li kien ser jivverifika jekk dan l-istudju jistax jigi mghejjun b'fondi mill-Unjoni Ewropea u dan minhabba li l-Kunsill ma jistax jaffordja dan l-istudju wahdu peress li jiswa l-flus.

20.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li l-Kunsill ghandu bzonn li jkun jaf kemm il-post vakanti

hemm izda iktar importanti minn hekk, lil min jappartjenu u dan biex ikun jista' jsir sforz biex is-sitwazzjoni tigi rimedjata.

20.4 Is-Sindku Nigel Holland qal li lura fiz-zmien kien diga sar ezercizzju simili fuq xi proprjetajiet li gew irregistrati mal-Gvern Centrali.

20.5 Is-Sindku Nigel Holland qal ukoll li ricentement kienu anke gew zvujtjati blokok shah ta' proprjetajiet u dan kien inkwetanti.

20.6 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li wahda mill-alternattivi kienet li l-Kunsill jidhol fi ftehim ta' public private partnership fejn il-Kunsill ikun jista' jizviluppa l-proprjetajiet maghluqa flimkien mal-kuntrattur.

20.7 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa li s-Sur Eddie Vella kien dahhal xi emendi fil-pjanta tal-progett li qed isir fi Pjazza Sir Luigi Preziosi.

20.8 Is-Sindku Nigel Holland qal li jittama li l-Kunsill kien ghadu moqdi mill-kumpanija ADI Associates u dan minhabba xi certu nuqqasijiet li kien innota ricentement fejn il-Kunsill ma kienx gie nformat bi progetti godda.

20.9 Is-Sindku Nigel Holland qal li ghandu jitkellem mal-ADI Associates hu stess sabiex jassigura ruhu li l-kumpanija kienet ghadha qed tiehu hsieb l-applikazzjonijiet godda jew emendati li qed jigu sottomessi fil-lokalita'.

## 21.0 Aġġornament tal-laqgħa

21.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar l-Erbgha 17 ta' April 2013 fil-5.30pm.

Il-laqgha ntemmet fit-8.25pm.

Nigel Holland
Sindku

Svetlick J. Flores
Segretarju Ezekuttiv